# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## SEDE CIVILI

### MAGISTRAT

### DR. DENNIS MONTEBELLO B.A. LL.D.

### Seduta ta' nhar it-25 ta' Jannar, 2002

**Numru 31**

**Avviz numru 1821/99DM**

**Vodafone Malta Limited**

**vs**

**Hayet Attard**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permess ta' liema l-kumpanija attrici talbet il-kundanna tal-konvenut ghal hlas tas-somma ta' sitt mija hamsa u tletin liri Maltin u dsatax-il centezmi (Lm635.19c) bilanc ta' somma akbar rapprezentanti access ghall-uzu ta' mobile telephone u "airtime" ghall-istess uzu, moghti lilu mis-socjeta attrici ghall-perjodu mill-4 ta' Gunju 1998 sal-10 ta' Mejju, 1999.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra bonarja u bl-imghaxijiet legali, bil-konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenuta debitament notifikata ma dehritx biex tikkontesta t-talba attrici u lanqas ma dehret ghas-seduta tallum biex tirrispondi ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant it-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

Il-Qorti qeghda tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas lill-atturi s-somma mitluba ta' sitt mija hamsa u tletin liri Maltin u dsatax-il centezmi (Lm635.19c) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz, bl-imghaxijiet legali u b'effett mill-15 ta' Dicembru tal-1999; u

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta.

Magistrat

A. Farrugia
Dep.Reg.

va